## LILL-BAHAR MEDITERRAN

*Ta'* Dun Frans Camilleri

Kull xhin b'nifsek qalil tahbat għax-xtajta
U mewġa mewġa ssib il-mewt mal-blat,
Tinstema' tidwi l-waqgħa, b'sabta u għajta,
Tas-saltniet kbar li ġgarrfu qalb is-swat.

Mela tas-sema, inti bandalt il-ġrajja
Li bnew u waqqgħu liċ-ċivilitajiet.

Kif darba skirt bid-demm f'taqbid għall-ħajja
Li qered l-isbaħ żgħażagħ, l-ogħna bliet.

F'sidrek iehġien ġarrabt b'liema taħbita
Habtet qalb Ċesri w Alessandru l-Kbir;
U raġtu 'l Nelson jirbaħ fit-tislita
L-iġfien ta' Napuljun ġo Aboukir.

Hawn, f'Malta wkoll, wassalt qillet l-egħdewwa,
Imm'inti kont li ġibt id-Dawl tas-Sewwa!

---

## KRONAKA TAL-"GĦAQDA"

Fis-17 ta' Diċembru 1952, Dun Ġammarì Farrugia, Kanonku Teologu tal-Kapitlu tal-Birgu, għalaq 60 sena li ilu jqaddes. L-Kanonku Dun Ġammarì Farrugia huwa wieħed mill-Membri anzjani tal-"Għaqda" tagħna u magħruf bħala wieħed mill-aqwa ħbieb tal-"Għaqda" u tal-Malti. Sa mill-bidu tal-moviment tal-kitba Maltija skond is-sistema tal-"Għaqda", huwa kien wieħed mill-ewwel kontributuri f'"Il-Malti", u tiegħu għandna diversi artikoli sbieħ fuq storja lokali u tifkiriet tradizzjonali Maltin, l-iktar fuq il-Birgu. Huwa kien li laqa' f'daru lir-Rev. C. Dessoulavy, Membru Korrispondenti tal-"Għaqda", meta dan kien ġie jżurna hawn Malta, u għen lill-"Għaqda" fir-rabtiet li din kellha ma' nies tax-xeħta tar-Rev. Dessoulavy. Għalhekk il-"Għaqda" għandha biex flimkien ma' ħbieb oħra tingħaqad biex bil-qalb kollha tifraħ lill-Kanonku Dun Ġammarì sew bħala Membru kemm bħala benefattur tagħha, u tixtieqlu għomor twil u l-barka u sliem għas-snin li ġejjin fil-ħajja saċerdotali tiegħu.



# PROVERBJI FOLOZ

*Ta'* Vincent Caruana

IGĦIDU li l-proverbji huma l-għerf ta' missirijietna miġbur fil-qosor u mhux l-ewwel darba li tisma' xi omm tgħid xi proverbju lil uliedha jew xi wieħed xiħ igħid xi proverbju lil xi żagħżugħ biex jagħtih tagħlima jew parir. Bir-rispett kollu li jiena għandi lejn ix-xjuħ irrid hawnhekk nistqarr li l-proverbji mhux kollha huma tajbin u li xi wħud minn dawn il-proverbji ta' missirijietna huma foloz u bosta drabi ma jurux il-fatti kif tassew huma. Irrid ingħid jien li kultant proverbju jgħidlek mod u fl-esperjenza tal-ħajja ssib mod ieħor.

Hawn jiena sejjer nuri l-fehma tiegħi. Ħaddieħor jista' ma jaqbilx miegħi dwar xi proverbju 'l hemm u 'l hawn, iżda jien naħseb li wieħed jaqbel miegħi fis-sustanza ta' dan l-*essay* meħud kollu f'daqqa.

Wara ħafna tħassib li qgħadt nagħmel jien sibt li l-proverbji jitqassmu fi tliet kwalitajiet. L-ewwel kwalità hija dik fejn issib proverbji tajbin u li fil-ħajja aktarx jiġri dejjem skond ma jgħidlek il-proverbju. It-tieni kwalità hija ta' dawk il-proverbji li ma jgħidux il-verità kollha; proverbji li aktarx dejjem jagħtuna tagħlima falza u jqarrqu bina minflok ma jifthulna għajnejna. It-tielet u l-aħħar kwalità ta' proverbji huma dawk li xi minn daqqiet ikunu tajbin u xi minn daqqiet ikunu ħżiena skond iċ-ċirkustanzi differenti li fihom jiġu użati.

Biex inkun fissirt ruħi iktar ċar: hemm proverbji li huma aktarx dejjem tajbin; hemm proverbi li huma aktarx dejjem ħżiena; u hemm proverbi li huma daqqa ħżiena u daqqa tajba.

Se nibda l-ewwel biex insemmi xi proverbji li jien inqishom bħala aktarx dejjem foloz. L-ewwel proverbju li qiegħed jiġini f'moħħi hu dak li jgħidlek "Iż-żejjed bħan-nieqes". Fil-ħajja nsibu li dan rari hu l-każ. Tgħaddi differenza bejn wieħed li għandu flus iktar milli jinħtieġ biex igħix u ieħor li anqas għandu għaxja ta' lejla. L-istess, ejjew nistħarrġu pajjiż fejn hemm ħafna minerali bħalma huma faħam, żejt, ħadid, eċċ., u pajjiż ieħor li m'għandux minerali. Għidli ftit, iż-żejjed huwa bħan-nieqes f'dan il-każ? Forsi xi ħadd igħidli: "Imma bniedem li jiekol ħafna ikun qed jagħmel ħażin għal saħħtu l-istess bħal bniedem li jiekol ftit". Jiena nwieġeb li dan jista' jkun, għalkemm dan jiddependi skond is-sistema tal-ġisem, iżda ftakru